MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Numru 18/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Carmel Camilleri**

(Att ta' Akkuza 18/2008)

Illum, 2 ta' Marzu 2010

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn parti minn decizjoni tal-Qorti Kriminali – decizjoni dwar eccezzjonijiet preliminari u

eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` tal-provi – moghtija minn dik il-Qorti fit-12 ta’ Ottubru 2009. L-akkuzat appella minn dik is-sentenza b’rikors intavolat fil-15 ta’ Ottubru 2009. L-appell tieghu hu limitat ghat-tielet eccezzjoni minnu sollevata.

**2.** Carmel Camilleri kien akkuzat, permezz ta’ Att ta’ Akkuza prezentat mill-Avukat Generali fis-7 ta’ Novembru 2008 (nru 18/2008) b’omicidju volontarju (l-ewwel kap), talli fil-hin li wettaq l-imsemmi delitt ta’ omicidju volontarju kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar jew arma regolari minghajr ghan legittimu (it-tieni kap), talli spara arma tan-nar f’post abitat jew fil-qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici, jew fil-portijiet minghajr licenzja tal-Pulizija (it-tielet kap), u, fir-raba’ kap, talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu, jew f’idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

**3.** Permezz ta’ nota ta’ eccezzjonijiet tad-9 ta’ Dicembru 2008, l-imsemmi Carmel Camilleri eccepixxa *inter alia* “**3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, il-piena mitluba fir-raba’ Kap tal-Att ta’ l-Akkuza ma tirrispekkjax dik il-piena li l-ligi tipprovdi ghar-reat addebitat**”.

**4.** Dwar din l-eccezzjoni, l-ewwel Qorti qalet hekk:

“Dwar it-tielet eccezzjoni, l-akkuzat, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, qed jissottometti li fil-parti espozittiva tar-raba’ kap l-Avukat Generali qed jirreferi ghall-artikolu 3(1) tal-Kap. 66 mentri fil-parti akkuzatorja qed jirreferi ghall-artikolu 3(1A) tal-istess kapitolu. L-artikolu 3(1) jipprovdi ghall-piena ta’ minn tlitt xhur sa tlett snin prigunerija meta ma jkunx applikabbli l-proviso tal-istess artikolu. Imkien fil-parti espozittiva ma hemm referenza ghal dan il-proviso u ergo l-piena li kellha tigi ndikata kellha tkun il-multa ta’ mhux inqas minn tletin lira jew prigunerija ghaz-zmien ta’ mhux izjed minn tlett xhur jew il-multa jew il-prigunerija flimkien. Ghalhekk il-piena mitluba fir-raba’ kap ma tirriflettix il-piena stipulata ghar-reat ravvizat fil-parti espozittiva.

“L-Avukat Generali ssottometta li l-artikolu 3(1A) tal-Kap.66, kif jinqara llum, gie fis-sehh fis-sena 1986 permezz tal-Att XXXV.1986.2 u, peress li r-reat allegat sehh fis-sena 1988, hu dan l-artikolu li hu applikabbli ghall-kaz in ezami.

“Ikkonsidrat:

“Illi mhux korrett l-akkuzat meta jghid li fil-parti esposittiva l-Avukat Generali rrefera ghall-artikolu 3(1) tal-Kap. 66 ghax fil-parti espozttiva ma ssemma ebda artikolu. Kull ma jintqal fil-parti espozittiva hu li l-akkuzat fid-data, hin u post imsemmija “kellu f’idejh arma tan-nar u munizzjon minghajr ma kien debitament licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija…”, pero` fil-paragrafu sussegwenti jghid : “Illi b’ghemilu l-imsemmi Carmel Camilleri sar hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu, jew f’ idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu”.

“Illi ma hemmx kwistjoni li l-ligi applikabbli ghar-reat dedott hija l-Kap. 66 kif emendat bl-Att XXXV ta’ l-1986 stante li l-allegat reat sehh fil-1988. Bl-emenda msemmija kien gie emendat l-artikolu 3 biz-zieda tas-subartikolu gdid (1A) li kien jittratta dwar il-pussess ta’ “xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu” (sottolinear ta’ din il-Qorti[1]). Dar-reat gdid kien igib piena ta’ minn xaharejn sa sentejn prigunerija.

“Issa ghalkemm l-Avukat Generali fil-parti akkuzatorja fejn talab il-piena, ghamel referenza espressament ghall-artikolu 3(1A) u talab l-erogazzjoni tal-piena relattiva ta’ minn xaharejn sa sentejn prigunerija, hu minnu li fil-parti espozittiva ma semmiex ic-cirkostanza li l-pussess tal-arma u munizzjon kien barra minn fond jew post li jaghmel mieghu w dan semmieh biss fit-tieni paragrafu, cioe’ fil-parti akkuzatorja.

[1] Fil-fatt fis-sentenza tal-ewwel Qorti ma hemm ebda parti sottolineata – nota tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

“Ghalhekk jekk treggi l-parti espozittiva, l-piena li kellha tintalab kienet suppost dik preskritta fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 66, li hija dik aktar gravuza ta’ minn tlitt xhur sa tlitt snin.

“Pero` l-akkuzat qed jakkampa din il-linja difensjonali tieghu fuq l-argument li ladarba ma jirrizultawx ic-cirkostanzi imsemmija fil-proviso tas-subartikolu (1), allura hija applikabbli l-piena ferm inqas gravuza ta’ multa ta’ mhux inqas minn LM30 jew prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn tlitt xhur jew dik il-multa w prigunerija flimkien.

“Issa l-imsemmi proviso jaqra testwalment hekk:-

““Izda meta wara li tkun giet ikkunsidrata il-kwantita` jew il-kwalita` ta’ dawk l-armi tan-nar jew munizzjon, il-Qorti tkun tal-fehma illi dawn ma kienux qed jinzammu sabiex isir bejgh jew traffikar iehor kontra l-ligi b’dawk l-armi tan-nar jew munizzjon, il-hati jehel il-piena tal-multa ta’ mhux inqas minn tletin lira Maltija jew prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn tlitt xhur, jew dik il-multa u prigunerija flimkien”.

“Issa fil-fehma ta’ din il-Qorti r-reat sostantiv hu dak inkluz u imsemmi fl-ewwel paragrafu tal-artikolu 3(1) u li l-proviso jipprovdi biss ghall-piena inqas meta l-Qorti tkun tal-fehma li ma jirrizultawx certi cirkostanzi. Ghalhekk l-Avukat Generali kellu kull dritt li jakkuza lill-akkuzat bir-reat li jaqa’ taht l-art. 3(1) u ma kellu ebda obbligu li jattribwilu xi cirkostanzi attenwanti li jissemmew fil-proviso. Sta mbaghad ghall-istess akkuzat li, bhala linja difensjonali tieghu, jissodisfa lill-gurija sal-grad tal-probabbli li ma jezistux ic-cirkostanzi li jissemmew fil-proviso u b’hekk ikun intitolat ghall-piena inqas.

“F’kull kaz il-piena mitluba mill-Avukat Generali (ovvjament skond l-artikolu 3(1A) minnu citat) hija inqas minn dik skond l-artikolu 3(1) u ghalhekk it-talba ghall-kundanna kif saret ma tippregudikax lill-akkuzat ghax hi inqas mill-piena erogabbli skond l-artikolu 3(1).

“Pero` in vista tad-diskrepanza bejn dak li gie premess fil-parti espozittiva w dak li qed jintalab fil-parti akkuzatorja, l-Qorti qed tordna a tenur tal-artikoli 597 tal-Kodici Kriminali li r-raba’ kap tal-att ta’ l-akkuza jigi emendat kif gej:- Fit-tieni w it-tielet paragrafi tar-raba’ kap jithassru l-kliem “barra minn fond jew post li jaghmel mieghu”, u fit-tielet paragrafu c-cifri w ittra “3(1A)” jithassru w jigu sostitwiti bic-cifri “3(1)”.

“Qed jigi pero` espressament rizervat ghall-akkuzat li jirrikorri ghall-kull linja difensjonali li tkun tintitolah ghal xi piena inqas kif jipprovdi l-proviso ghall-artikolu 3(1) tal-Kap. 66.”

**5.** Minn din il-parti tas-sentenza tat-12 ta’ Ottubru 2009 appella, kif inghad, l-akkuzat. Fir-rikors ta’ appell tieghu tal-15 ta’ Ottubru 2009 l-imsemmi Camilleri jillanja illi l-Qorti Kriminali “ma kellhiex tichad it-tielet eccezzjoni [tieghu] u kellha minflok tordna korrezzjoni fil-piena”. L-appellant jerga’ jishaq fuq il-fatt li, skond hu, il-piena mitluba mill-Avukat Generali kellha, b’xi mod, tirrifletti l-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 66, u li ghalhekk il-piena ghar-reat addebitat m’hix dik ta’ prigunerija minn xaharejn sa sentejn. Ghalhekk huwa qed jitlob li s-sentenza tal-ewwel Qorti tigi riformata billi din il-Qorti “tirrevokaha f’dik il-parti fejn cahdet it-tielet eccezzjoni [tieghu] u tordna korrezzjoni fil-piena mitluba fir-raba’ kap ta’ l-att ta’ l-akkuza, u tikkonfermaha fil-bqija”.

**6.** Din il-Qorti ma tezitax tikkwalifika dana l-appell bhala wiehed altament fieragh. Sfortunatament din il-Qorti qed tara li spiss qed jitqajjmu eccezzjonijiet quddiem il-Qorti Kriminali, u jsiru appelli mis-sentenzi ta’ dik il-Qorti dwar dawn l-eccezzjonijiet, bl-iskop uniku – ghax ma jistax ikun hemm skop iehor meta l-eccezzjonijiet u l-appelli jkunu manifestament infondati – li l-process jittawwal (ara, per ezempju, is-sentenza ta’ din il-Qorti, diversament komposta, tat-28 ta’ Dicembru 2009 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Frederick Joseph Grech**). F’dan il-kaz, mhux biss l-appellant irnexxielu jinduci fi zball

lill-ewwel Qorti bl-eccezzjoni (kjarament infondata) tieghu (it-tielet wahda fin-nota tad-9 ta’ Dicembru 2008), izda issa qieghed jipprova jkompli jikkapitalizza fuq dak l-izball.

**7.** It-tielet eccezzjoni tal-appellant, allura akkuzat, quddiem il-Qorti Kriminali, kienet semplicement illi “…l-piena mitluba fir-raba’ Kap tal-Att ta’ l-Akkuza ma tirrispekkjax dik il-piena li l-ligi tipprovdi ghar-reat addebitat”. Mela, din l-eccezzjoni, kif migjuba, ma kienet timporta ebda lment li l-fatt migjub fl-att ta’ l-akkuza ma kienx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt f’dak l-att (Art. 449(5)(b) tal-Kap. 9). Il-kwistjoni kienet purament dwar il-piena. Ghalkemm il-kwistjoni tal-piena mitluba hija, strettament, xi haga li wiehed jiddibatti fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 490 tal-Kap. 9 (dejjem jekk wiehed jasal sa dak l-istadju) u mhux xi haga li twassal ghal xi nullita` tal-att tal-akkuza jew ghall-htiega ta’ xi korrezzjoni fl-istess att fl-istadju preliminari (ara *passim* is-sentenza ta’ din il-Qorti, diversament komposta, tal-14 ta’ Jannar 2010 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Martin Spiteri**), l-ewwel Qorti deherilha li kellha – erroneament, fil-fehma ta’ din il-Qorti – tbiddel l-akkuza kontemplata fir-raba’ kap minn dik taht l-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 66 ghal dik kontemplata fl-Artikolu 3(1). Dan qed jinghad ghax meta fil-parti espositiva tar-raba’ kap l-Avukat Generali jaghmel referenza ghaz-“zmien u [c-]cirkustanzi msemmija fil-kapi precedenti ta’ dan l-att ta’ akkuza” huwa kien kjarament qed jirreferi ghal fatti li graw fl-apert u ghalhekk barra minn fond jew post li jaghmel mieghu. Addirittura fit-tielet kap tissemma’ specifikatament (fil-parti espositiva) triq pubblika! Se mai, jekk kien hemm lok ta’ korrezzjoni – li, jerga’ jigi ribadit, ma kienx hemm lok ghaliha – il-korrezzjoni kellha ssir fil-parti espositiva u mhux fil-parti akkuzatorja, ghax b’dak li gara giet uzurpata mill-ewwel Qorti d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li jaghzel hu l-akkuza u mhux haddiehor. Pero` l-Avukat General baqa’ sokkombenti ghax ma appellax minn din is-sentenza.

**8.** L-akkuzat, pero`, issa ma jistax jippretendi *per di piu`* li l-Qorti Kriminali, jew din il-Qorti, joqoghdu jidhlu fil-kwistjoni tal-kwantita` jew kwalita` tal-armi ecc. ghall-finijiet tal-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 3 tal-Kap.

66 biex dawn il-fatti b’xi mod jergghu jigu riflessi fil-piena. Dawn huma, se mai, kwistjonijiet li ghandhom jigu decizi mill-gudikanti tal-fatt – il-gurati – anke jekk ikun il-kaz fuq kwezit specifiku lilhom maghmul mill-Imhallef li jkun qed jippresjedi l-guri.

**9.** Ghall-motivi premessi tichad l-appell u, fis-sens premess, tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li, kif inghad, dana l-appell huwa wiehed fieragh fis-sens tal-Artikolu 512(3) tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellant multa ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), konvertibbli f’ghoxrin gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi. Tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati lura lill-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------